**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ERBGHA U ERBGĦIN**

**24 TA' JANNAR, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **44.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 44.1.1 | | Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat li ma setgħatx tattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa. |
| | | |
| | | |
| **44.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 44.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***44.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 44.3.1 | | Fir-rigward tal-attivita' tal-film għat-tfal ta' Bubaqra, ġie innutat li l-attivita' kienet suċċess. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 44.3.2 | | Fir-rigward ta' ilment li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra rċieva fuq rampi ta' garaxx fi Triq ir-Rettur, il-membru Kevin Sam Farrugia tkellem ma' sid il-garaxxijiet biex iwitti ftit mill-problema li ħolqu tali rampi u dan aċċertah li ser jipprova jirranġa l-każ. |
| | | |
| | | |
| 44.3.3 | | Fir-rigward tal-armar tal-Milied, kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv iġib stima għall-armar minn persuna barra miż-Żurrieq, biex titqabbel l-istima ma dik li qed iħallas il-Kumitat bħalissa. |
| | | |
| 44.3.4 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li l-presepju ta' Bubaqra jiġi rrestawrat. |
| | | |
| 44.3.5 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa meta ser ibda x-xogħol fi Triq Gio Batta Riccio. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħol ser isir ġimgħa oħra. Ser titqassam ittra bieb bieb, biex jiġu avżati bix-xogħol. |
| | | |
| 44.3.6 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq il-knies f'Bubaqra, li qed ikollu ilmenti li mhux kullimkien qed jinkines. |
| | | |
| 44.3.7 | | Il-membru Marilyn Sammut qalet li l-aħħar li inqata l-ħaxix f'Bubaqra dam jumejn biex inġabar u laħaq infirex kollox. |
| | | |
| 44.3.8 | | Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li jkun hemm sorveljanza ta' pulizija/warden fi Triq Dun Nard Mallia k/m Triq San Bastjan, speċjalment is-Sibt filgħodu minħabba li qed ikun hemm ħafna kontravenzjonijiet mill-vetturi. |
| | | |
| ***44.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss*** |
| | | |
| 44.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 21 ta' Frar, 2018 fil-17:30. |

Konfermati, illum 21 ta' Frar, 2018.

IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**